# Ħaż-Żabbar... 400 sena parroċċa



Dehra mill-bogħod tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar bil-koppla l-antika, u fil-ġenb fuq il-lemin il-logo tal-festi ċentinarji

**Michael Buhagiar**

F'Novembru 1615, l-Isqof Baldassare Cagliares kien qed jagħmel vista pastorali fil-parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun. Din il-parroċċa kienet magħmula minn għadd ta' rħula żgħar, fosthom Ħaż-Żabbar. Meta kien hawnhekk, ir-rappreżentant tar-raħal Antonio Schembri ressaq talba lill-Isqof f'isem il-madwar 600 persuna li kienu jgħixu fl-inħawi biex Ħaż-Żabbar isir parroċċa għalih. Biex isaħħaħ it-talba tiegħu, hu ressaq xhieda ta' nies li kellhom qraba li mietu mingħajr sagramenti. F'dawk iż-żminijiet, Ħaż-Żabbar kien moqdi għall-ħtiġijiet spiritwali minn Dun Melchior Lia, viċi-kappillan taż-Żejtun li kien jamministra mill-knisja ta' San Ġakbu, li kienet tinsab 'fil-Misraħ'. Dun Melchior Lia baqa' jaħdem f'Ħaż-Żabbar anki wara li dan ir-raħal kien sar parroċċa.

### It-talba tan-nies ta' Ħaż-Żabbar

Fil-Milied tas-sena 1615, l-Isqof Cagliares laqa' t-talba bil-miktub li ressqu ż-Żabbarin u għarraf biha lill-kappillan taż-Żejtun, Dun Matteo Burlò, bil-ħsieb tiegħu li jagħmel Ħaż-Żabbar parroċċa għalih. Il-kappillan Żejtuni ma sabx oġġezzjoni u b'hekk inbeda l-proċess li wassal biex fl-10 ta' Jannar 1616, l-Isqof Baldassare Cagliares ta d-digriet li bih ħatar lil Dun Angelo Pontremoli bħala l-ewwel kappillan tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, bit-territorju tagħha jittieħed minn dak taż-Żejtun.



Is-santwarju ta' Ħaż-Żabbar iddedikat lill-Madonna Omm tal-Grazzji

Din it-talba bil-miktub, flimkien mad-digriet li bih Dun Angelo Pontremoli inħatar bħala l-ewwel kappillan, jinsab fl-Arkivju tal-Kurja. F'din it-talba (supplika) insibu mniżżel it-tbatija li n-nies kellhom biex jirċievu s-sagramenti, speċjalment dak tal-Morda. Huma xtaqu wkoll li l-Isqof jaħtar lil Dun Angelo Pontremoli bħala l-ewwel kappillan. Insibu wkoll li talbu biex il-knisja filjali tal-Madonna tal-Grazzja issir knisja parrokjali. (Dan kien ħsieb tajjeb ħafna. Minbarra li din il-knisja kienet waħda mill-ikbar fl-inħawi, għax kienet tkabbret u nbniet mill-ġdid madwar 30 sena qabel, kienet ukoll fiċ-ċentru ta' bejn iż-żewġ abitazzjonijiet l-aktar popolari, dawk tal-Misraħ u l-Biċċieni.) Din il-knisja kienet diġà magħrufa għad-devozzjoni li kienet tiġbed lejha. Dan insibuh imniżżel f'Visti Pastorali preċedenti li jsemmu offerti u pellegrinaġġi lejn din il-knisja taħt it-titlu tal-Madonna tal-Grazzja.



Il-fonti tal-magħmudija li juru l-arma tal-Isqof Caglaires, li għamel Ħaż-Żabbar parroċċa, u tal-Granmastru Wignacourt li kien Granmastru dak iż-żmien

### L-ewwel żminijiet

Nafu li wara l-10 ta' Jannar 1616, il-kappillan Dun Angelo Pontremoli ħa l-pusses formali tal-parroċċa. Ftit jiem wara, huwa amministra l-ewwel magħmudija tat-tarbija Ġan Pawl Cassar fiż-Żejtun billi Ħaż-Żabbar kien għadu ma sarx il-fonti. Saru erba' magħmudijiet oħra f'Bormla u l-Birgu, sakemm fl-1 ta' Ġunju iżżanżan fonti tal-ġebel ġdid fil-paroċċa. L-ewwel tarbija li tgħammdet fih kienet Maria Vella. Għal din il-magħmudija, il-Gran Mastru Alof de Wignacourt bagħat il-prokuratur tiegħu biex jagħmilha ta' parrinu f'ismu. Biex jitfakkar dan l-avveniment tħejjiet parċmina mdehba bl-armi araldiċi tal-Isqof u l-Gran Mastru fuqha. Dan kollu jinsab irreġistrat fl-ewwel volum fl-arkivju parrokkjali. F'dan il-volum insibu wkoll irreġistrati l-ewwel difniet, żwiġijiet u numru ta' amministrazzjonijiet tal-Griżma tal-Isqof li saru fl-1617. Insibu fil-Mużew tas-Santwarju nnifsu Missal Ruman tal-1629, kurċifiss skulturat fl-injam, kif ukoll lampier tal-metall, flimkien mal-fonti msemmi aktar 'il fuq.

Il-popolazzjoni kompliet tikber l-aktar bil-prosperità li ġab l-Ordni ta' San Ġwann. F'Ħaż-Żabbar, il-popolazzjoni kompliet tiżdied u l-knisja bdiet tinħass ċkejkna. Dan ta bidu għall-bini ta' knisja akbar fuq disinn ta' Tumas Dingli. L-ewwel ġebla ta' din il-knisja tqiegħdet fl-1 ta' Mejju 1641.

### 400 sena wara

Il-parroċċa għadha ferm attiva. F'Settembru ingħatat it-titlu ta' 'Arċipretali' mill-Arċisqof Scicluna. Illum tiġbor fiha madwar 17,000 ruħ, imqassmin f'5 zoni pastorali, waqt li kull xahar isir għadd sabiħ ta' żwiġijiet u magħmudijiet. Biex jitfakkar dan l-avveniment hemm ippjanat programm ta' attivitajiet matul is-sena kollha. Nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar 2016 filgħodu se jsir marċ mill-baned tal-lokal, u fil-5.30pm konċelebrazzjoni solenni



Il-bolla kommemorattiva, xogħol l-artist Edwin Galea

mmexxija mill-Arċisqof Charles Scicluna fis-Santwarju, fejn wara tinkixef lapida kommemorattiva. Din is-sena, Ħadd in-Nies isir fl-14 ta' Frar, u l-pellegrinaġġ ikun akkumpanjat bil-vara tal-Madonna tal-Grazzja.